MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. GRIMA EDWINA

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 2169/2002

***Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra***

***vs***

***Stephen Zammit***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Settembru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlieta u tletin liri Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm33.99c) rapprezentanti in kwantu ghal disgha u ghoxrin liri Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm29.56c), *Royalty* dovuta bil-quddiem in konnessjoni mal-licenzja numru 011434 (Dokument A), rilaxxjata mis-socjeta' attrici a favur

tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment *"Cesco's Coffee Corner",* San Gwann u Lm4.33, Taxxa fuq il-Valur Mizjud,

ghal perijodu mis-6 ta’ Marzu 2002 sal-5 ta’ Marzu 2003 u bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ l-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali tal-31 ta’ Mejju 2002 kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-Prokuratur Legali Josette Attard ghan-nom tas-socjeta’ attrici, li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokument esibit.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlieta u tletin liri Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm33.99), bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ l-iskadenza relattiva.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali tal-31 ta’ Mejju 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**